**26 ta' Jannar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Cassar

*versus*

Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne. et.

*Il-fatt li l-appaltatur jaċċetta t-terminazzjoni tal-appalt li jagħmel l-appaltant ma jipprekludix lill-appaltatur milli jitlob il-ħlas tax-xogħol li jkun laħaq għamel sa meta ġie ntimat bit-terminazzjoni tal-appalt.*

*Jekk mbagħad l-appaltant, wara li jittermina l-appalt, iqabbad appaltatur ieħor biex ikompli x-xogħol li kien baqagħlu jkompli l-ewwel appaltatur, u għal din il-kontinwazzjoni tal-appalt jonfoq aktar milli kien jonfoq kieku l-appalt komplīeh l-ewwel appaltatur, huwa ma hux intitolat inaqqas mill-ħlas dovut lill-ewwel appaltatur għax-xogħol li laħaq għamel l-ammont li jkun nefaq aktar biex eżegwixxa x-xogħol b'appaltatur ieħor, jekk hu ma jissoddisfax lill-Qorti li għamel dak li raġjonevolment seta' jsir fiċ-ċirkustanzi biex in-nefqa ma tkunx eċċessiva fil-każ. Divers ikun il-każ*

*jekk l-appaltant juri illi, minhabba raġunijiet ta' vera urġenza jew raġunijiet oħra validi, kien raġjonevolment kostrett li jaċċetta iħallas il-prezz li ħallas.*

*Dan ma jfissera illi l-appaltant ma għandux dritt għall-ispiża għola li ikorra fiha biex kompla l-appalt sempliċement għax il-prezz imħallas lit-tieni appaltatur kien għola minn dak li kien miftiehem mal-ewwel appaltatur, imma jfisser biss illi l-appaltant ma għandux dritt għar-rifużjoni ta' dak l-eċċess minn għand l-ewwel appaltatur għaliex ma ppruvax bl-ebda mod li huwa ma setgħax raġjonevolment jissoddisfa l-bżonn tiegħu ugwalment effiċjentement, u skond ma kienu jeżiġu ċ-ċirkustanzi, bi prezz orħos jew ugwali għal dak tal-ewwel appaltatur.*

*U dan avvolja bejn il-partijiet kien hemm il-ftehim illi l-appaltant ikollu d-dritt jeżiġi minn għand il-kuntrattur jew jiddeduċi mis-somma lilu dovuta d-differenza tal-prezz li jkun ħallas biex jitkompla x-xogħol; għax klawsola simili fil-kuntratt tal-appalt ma għandhiex tiftiehem fis-sens li l-appaltant jista' jħallas kull għoli ta' prezz, hu x'inhu u huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi, u mbgħad jitlob dak l-għoli minn għand l-ewwel kuntrattur. L-appaltant għandu dejjem l-obligu, inerenti għan-natura stess tad-dritt tar-rifużjoni u insitu fit-teorija kollha tar-riżarċiment tad-danni, illi jissoddisfa l-Qorti li għamel dak li seta' raġjonevolment isir fiċ-ċirkustanzi tal-każ biex dawn id-danni ma jkunux eċċessivi.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur wara li ppremetta illi kien għamel offerta lill-Gvern konvenut li kienet ġiet aċċettata, rigwardanti x-xogħol ta' kisi ("liming") bir-"reinforced P.C. concrete" tal-ħitan u soqfa ta' tliet kmamar sotterranei u l-ġenb ta' disgħa spejjer tal-ventilazzjoni fil-post tal-Istazzjon il-ġdid tal-elettriku f'Ta' Ċejlu, Marsa; u billi wara li nbeda l-imsemmi xogħol, l-attur mingħajr ebda raġuni leġittima, ġie mwaqqaf mill-istess xogħol mill-Gvern konvenut, non ostante l-protesti verbali u bil-miktub tal-istess attur; u billi meta l-Gvern

konvenut gie biex ihallas lill-attur tax-xoghol tieghu li kien diga' sar qabel it-twaqqif fuq imsemmi s-somma ta' £3105.9.10, li l-attur kien ser jaccetta minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu ghad-danni kontra l-Gvern konvenut minhabba li gie mwaqqaf minghajr ebda raguni legittima, il-Gvern konvenut ippretenda li jnaqqas minn din is-somma s-somma ta' £713, li allega li tirrapprezenta d-differenza bejn l-offerta tal-attur u l-ispejjez fil-fatt zburzati mill-Gvern konvenut biex isiru x-xogholijiet in kwistjoni (dok. A u B); u illi l-attur accetta minn ghand il-Gvern konvenut, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, f'diversi akkonti, is-somma ta' £2392. 1. 10, u ghalhekk fadallu jiehu minn ghand il-Gvern konvenut l-imsemmija somma ta' £713, li l-Gvern konvenut zamm indebitament; previja, jekk hemm bzonn, id-dikjarazzjoni li l-attur gie mwaqqaf mill-Gvern konvenut mix-xoghol fuq imsemmi ngustament u bla ebda raguni legittima, talab li l-Gvern konvenut, kif fuq rapprezentat, jigi kundannat ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' £713, bilanc dovut lilu ghax-xogholijiet fuq imsemmija, kif fuq inghad; salva dejjem kwalunkwe azzjoni ghad-danni kompetenti lill-attur kontra l-Gvern konvenut minhabba li gie mwaqqaf mix-xogholijiet fuq imsemmija minghajr ebda raguni legittima. Bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha sottomettew li skond il-klawsola 18 tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt l-attur ma ghandux dritt jaghmel din il-kawza, billi kull kwistjoni relattiva ghall-kuntratt ghandha tigi riferita lill-Kumitat tal-Kuntratti, u d-decizjoni ta' dan il-Kumitat tkun finali u torbot. Kemm it-terminazzjoni tal-kuntratt kif ukoll id-deduzzjoni tad-differenza bejn il-prezzijiet tax-xoghol gew decizi minn dak il-Kumitat, u l-Qorti ma tistghax tissindaka dik id-decizjoni;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur accetta t-terminazzjoni tal-kuntratt, u ghalhekk huwa ma jistghax il-lum jimpunja dik it-terminazzjoni;

Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Gvern kien aktar minn gustifikat illi jittermina l-kuntratt li ghalieh qeghda ssir riferenza fl-att tac-citazzjoni, min-

ħabba li l-attur fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt naqas milli *jsegwi d-dettami tas-sengħa, it-termini tal-istess kuntratt* u l-istruzzjonijiet li kienu ġew lilu mogħtija. Issomma mitluba fiċ-ċitazzjoni tirrappreżenta (b'varjazzjoni żgħira) id differenza bejn il-prezz li effettivament ntefaq biex sar ix-xogħol li kien għad baqgħalu jsir u l-prezz talistess xogħol skond l-offerta tal-attur, bażat fuq il-kwantitajiet mogħtija fl-offerta, kwantitajiet li kienu approssimattivi; billi però meta sar ix-xogħol u ttieħdu l-qisien instab li l-kwantità effettiva kienet iżgħar, id-differenza vera tal-prezzijiet kienet ta' £674.18.3 u mhux ta' £713 u *għalhekk l-attur baqgħalu jieħu £38.1.9. Is-somma ta'* £674,18.3 tinżamm skond it-termini tal-klawsola 19 tal-"General Conditions of Contracts", dokument A; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 1954 (fol. 26), fejn ilkonvenuti ddikjaraw illi ma jinsistux fuq l-eċċezzjoni talinammissibbilità tal-azzjoni minħabba l-klawsola 18 talkondizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Jannar 1961, li biha asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni, billi din ġiet mill-konvenuti rinunzjata; irrespinġiet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom; laqgħet it-tielet eċċezzjoni, billi ddikjarat li l-konvenuti kienu ġustifikati jitterminaw l-appalt, u għalhekk irrespinġiet id-dikjarazzjoni li l-attur ġie mwaqqaf mix-xogħol inġustament u bla ebda raġuni leġittima, bl-*ispejjeż kontra l-attur; u laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal*-konvenuti, billi ddikjarat li l-attur huwa ntitolat biss għassomma ta' £38.0.10; u konsegwentement laqgħet it-talba fis-sens biss li kkundannat lill-konvenuti nomine jħallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' £38.0.10, bl-ispejjeż skond ir-rebħ u t-telf; wara li kkunsidrat;

Dwar it-tieni eċċezzjoni opposta mill-konvenuti;

Illi l-periti ġudizzjarji, fl-ewwel relazzjoni tagħhom, issottomettew *illi din l-eċċezzjoni ma taffettax il-meritu*

tal-kawża, għaliex l-attur mhux qiegħed jimpunja t-terminazzjoni tal-appalt fis-sens li jippretendi li din ma saretx, anzi huwa jippresupponiha u jippretendi li saret inġustament; l-aċċettazzjoni tiegħu ma tippreġudikax id-dritt li jitlob il-bilanċ tal-kumpens tax-xogħol li għamel sakemm ġie mwaqqaf mill-Gvern; anzi huwa riżerva kull azzjoni kontra l-Gvern minħabba illi ġie hekk imwaqqaf mix-xogħol mingħajr ebda raġuni leġittima; konsegwentement il-Qorti tadotta r-raġunament tal-periti u tiddikjara illi l-eċċezzjoni ma tikkostitwix ostakolu għall-esperiment tal-azzjoni odjerna;

Ikkunsidrat dwar it-tielet eċċezzjoni opposta mill-konvenuti, jiġifieri illi l-Gvern kien ġustifikat li jittermina l-appalt "de quo";

Illi l-periti ġudizzjarji ssottomettew li din l-eċċezzjoni hi fondata għal diversi raġunijiet minnhom rilevati fil-paragrafi 8, 9, 10 u 11, li l-Qorti tħoss li għandha tadotta;

Ikkunsidrat dwar ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, illi ċjoè id-differenza bejn in-nefqa tal-Gvern għall-kontinwazzjoni tal-appalt u n-nefqa li kienet issir kieku l-attur kompla x-xogħol, ammontanti għal £674.18.3, għandu jbatiha l-attur, u għalhekk dan fadallu jieħu biss £38.1.9;

Illi l-periti ġudizzjarji rrelataw li din l-eċċezzjoni mhix fondata, għaliex il-flus żejda li ħallas il-Gvern biex kompla x-xogħol huma l-konsegwenza diretta tal-aġir tal-istess Gvern, li, preżumibbilment fuq il-presuppost li, jiġri x'jiġri, kien l-attur li ser iħallas id-danni, nesa d-dmir tiegħu li ma joħloqx l-istess danni u li jżomm id-danni fil-limiti minimi tagħhom, u kkonkludew li t-talba tal-attur (apparti d-dikjarazzjoni li hu ġie mwaqqaf mix-xogħol mingħajr raġuni leġittima) għandha tiġi milqugħa;

Illi l-konvenuti jsostnu li l-appalt ġie terminat minħabba li l-attur kien indampjenti u għalhekk din it-terminazzjoni saret bid-dritt konferit mill-klawsola 19 tal-"General Conditions of the Contract";

Illi skond l-art. 1073 tal-Kodiċi Ċivili kull min jagħ-

mel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għall-ħsara *li tiġri b'dan l-użu;* u *għandu jitqies li jeċċedi l-ġusti limiti* min jikkontravvjeni għall-liġi jew għall-ftehim, jiġifieri jrid ikun aġixxa b'qerq jew bi ħtija ("culpa"), jew ikun kiser xi obligu derivanti mill-kuntratt. Għalhekk jeħtieġ jiġi *eżaminat jekk il-konvenuti, meta komplew ix-xogħol per mezz ta' ħadd ieħor* marrux kontra l-kuntratt tal-appalt;

Illi skond l-art. 1074 (Kodiċi ċitat), kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu; u biex ikun hemm *din il-ħtija hemm bżonn, skond l-art. 1076, li jagħmel jew* jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi; jiġifieri d-danneġġjant, f'dan il-każ il-Gvern, irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skond il-liġi. Fil-każ tagħna, l-attur u miegħu l-periti, jimputaw lill-Gvern li, qabel ma ta l-appalt biex jitkompla x-xogħol, ma ħareġx l-avviż bħas-soltu, għall-offerti, u b'hekk naqas *li, fl-interess anki tal-attur, jevita jew jirriduċi* d-danni. Iżda, kif josserva Giorgi "quando si parla di colpa per ommissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere, *per il quale taluno era in obbligo di fare quello che* non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit'" (Obbligaz. Vol. IV, para. 151). U kif jinnota Marcadè:— "Il fatto negativo può solo obbligare quando non si fa una cosa dalla legge ordinata ... non basta che l'abbia potuto, è necessario che l'abbia dovuto..... I fatti positivi o negativi devono violare un dovere" (Cod. Napol. art. 1382-1383, paragrafi 296 u 297). U għalhekk kif jikkonkludi Demolombe, "una semplice ommissione, una pura inazione, non può *costituire un delitto, od un quasi-delitto, quando colui* al quale la si imputa non era legalmente tenuto a agire... Legalmente si è tenuti a non nuocere agli altri a non attentare ai loro diritti ma legalmente non si è tenuti a venire loro in aiuto, nè a rendere loro un servizio" (Diritto Civile Vol. XXXI, para. 479);

Illi *fuq l-iskorta ta' dawn il-konsiderazzjonijiet* ma jidherx li l-Gvern naqas minn xi dover lilu impost mill-liġi; għaliex huwa ma kienx tenut skond il-liġi jsejjaħ offerti qabel ma jaġġudika l-kontinwazzjoni *tax-xogħol lil ħadd*

ieħor; dan id-dmir ma jinsabx lanqas fil-kuntratt tal-appalt, u speċjalment fil-klawsola 19 ġa msemmija, li tirregola l-konsegwenzi derivanti mill-ksur tal-kuntratt da parti tal-appaltatur. Xejn ma jiswa li hija prattika tal-Gvern li jassenja l-appalti in segwitu għall-offerti pubbliċi; għaliex, jekk anki kien rakkomandabbli li din il-prattika tiġi segwita fil-każ in kwistjoni, dan ma jfisserx illi l-Gvern kien skond il-liġi obligat isegwiha; il-liġi, infatti, ma tagħti ebda dispożizzjoni in materja, u minn naħa l-oħra l-Gvern seta' kellu, kif fil-fatt kellu, ir-raġunijiet tiegħu biex ma jsejjaħx offerti, speċjalment in vista tal-urġenza li kien hemm għall-kontinwazzjoni tax-xogħol. Lanqas tiswa s-sottomissjoni tal-periti li, kieku nħarġu l-offerti, kien ikun hemm min joffri li jkompli x-xogħol bl-istess prezzijiet tal-attur; din hija mera suppożizzjoni, li mhux neċessarjament kellha tavvera ruħha;

Illi lanqas jista' l-attur jinvoka d-dispożizzjoni tal-art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili, relattiv għall-ħtija hekk imsejħa kontributorja, għaliex ma tirrikorrix il-ħtija fis-sens tal-liġi kif fuq spjegat;

Illi għalhekk, ladarba l-attur ma ppruvax illi l-Gvern naqas minn xi dover preskritt mill-liġi jew impost lilu fil-kuntratt tal-appalt, dak li għamel għamlu fl-eżerċizzju ta' dritt preċiż tiegħu, u konsegwentement jista' jinvoka favur tiegħu l-prinċipju tad-Dritt Ruman "qui suo jure utitur non videtur facere injuriam", inkorporat fl-art. 1073 fuq ċitat;

Illi mill-ammont ta' £713 dovut lill-attur għax-xogħol li laħaq għamel għandha titnaqqas is-somma ta' £674.18.3, recte £674.19.2, u l-attur jibqgħalu għandu jieħu minn għand il-Gvern £38.0.10;

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi riformata, billi tiġi konfermata filli asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni, u filli rrespinġiet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u tiġi revokata f'dawk il-kapi li bihom laqgħet it-tielet eċċezzjoni u dikkjarat li l-konvenuti kienu ġustifikati jitterminaw l-appalt, bl-ispej-

jeż kontra l-attur, u laqgħet ir-raba' eċċezzjoni billi ddikjarat li l-attur hu ntitolat biss għas-somma ta' £38.0.10, u konsegwentement laqgħet it-talba għal din is-somma biss bl-ispejjeż skond ir-rebħ u t-telf, billi jiġi minflok deċiż li l-appalt ġie terminat bla raġuni leġittima, u in subordine, li fi kwalunkwe każ tiġi respinta r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti nomine, u jiġi dikjarat li huma ma humiex intitolati jiddeduċu ebda somma mill-ammont mitlub, u li għalhekk tiġi milqugħa l-istanza għas-somma kollha mitluba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, sew ta' din l-istanza kemm tal-ewwel istanza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu deċiżi f'dan l-appell huma tnejn. L-ewwel waħda hi jekk il-Gvern kellux raġuni leġittima li jittermina l-appalt li kien ġie mogħti lill-attur;

L-Ewwel Onorabbli Qorti dwar din il-kwistjoni adottat il-konklużjoni raġġunta mill-periti ġudizzjarji Professur Victor R. Galea u Dottor Riccardo Farrugia fir-relazzjoni tagħhom fol. 73-84, u ddeċidiet illi l-Gvern konvenut kien ġustifikat li jwaqqaf l-appalt. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni għall-istess raġunijiet mogħtija fl-imsemmija relazzjoni peritali, paragrafi 8, 9, 10 u 11......;

Tibqa' t-tieni kwistjoni, li hija verament il-kwistjoni mportanti jekk ċjoè il-Gvern appellat kellux id-dritt li *jżomm mis-somma* dovuta lill-appellant għax-xogħol li hu kien laħaq għamel l-ammont li nefaq aktar biex ix-xogħol li kien jonqos sar minn ħadd ieħor;

Fuq din il-kwistjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ukoll għal konklużjoni avversa għall-appellant, wara li fuqha ma qabletx ma' dak li kienu ssottomettew il-periti ġudizzjarji;

Din il-Qorti, wara li qieset sewwa ċ-ċirkustanzi u r-riżultanzi kollha tal-każ, ma tħossx li tista' ssegwi dik il-konklużjoni;

Il-klawsola numru 19 tal-"General Conditions of Contract", li minnha tiddependi s-soluzzjoni tal-kwistjoni, tipprovdi illi, fil-każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt da parti tal-Gvern minħabba nuqqas tal-kuntrattur, "the Contractor shall only be paid for such portion of the work as shall have been actually delivered at the date of such declaration (dik ċjoè tat-terminazzjoni), after deduction of any sum leviable under the conditions of the contract...... The Contractor shall, in addition, be liable to pay to the Government or the Government shall be entitled to further deduct, the value of any expense, loss or damage (including any difference between the contract price of the work to be done under the contract, or of such portion thereof as may not have been delivered at the date of such declaration as aforesaid, and the price which the Government may have to pay for similar work provided in lieu of such portion as may not have been so delivered) which the Government may be put to or sustain by reason of or in connection with the Contractor's breach of contract" (fol. 18 tergo);

L-imsemmija periti ġudizzjarji, fir-relazzjoni tagħhom ġa fuq ċitata kienu waslu fil-konklużjoni illi l-Gvern ma kellux dritt, fil-każ preżenti, li jiddeduċi d-differenza tassomma akbar li nefaq biex ix-xogħol li ma kienx laħaq għamel l-attur tkompla permezz tal-appaltatur Pace; għaliex irritenew illi din id-differenza kienet konsegwenza diretta tal-aġir tal-istess Gvern li naqas li jżomm id-danni fil-limiti minimi tagħhom, meta kellu l-mezzi u ż-żmien biex bla diffikultajiet, isib appaltatur li jkompli x-xogħol bi prezzijiet mhux aktar onerużi minn dawk tal-attur. Sostanzjalment dawk il-periti rritenew illi l-Gvern, fiċ-ċirkustanzi kellu l-obligu li jsejjaħ offerti ġodda, jew almenu javviċina diversi kuntratturi qabel ma jaċċetta l-prezz għola offert mill-appaltatur Pace;

L-Ewwel Onorabbli Qorti ma adottatx dan ir-raġunament għaliex irriteniet illi skond il-klawsola fuq ċitata, jew skond il-liġi, il-Gvern ma kellu ebda obligu legali li jitlob offerti b'mod ġenerali, jew imqar limitat, u kwindi ma kienx fl-ebda ħtija fis-sens tal-liġi;

Iżda għandu jiġi rilevat illi, oltre r-relazzjoni fuq *imsemmija, kienet saret, fuq* talba tal-konvenuti, perizja oħra, din id-darba mill-Professur John Gatt u l-istess Dottor Farrugia. Oġġett ta' din il-perizja kien li jiġi stabbilit jekk, taħt iċ-ċirkustanzi, l-ispiża nkorsa mill-konvenuti biex jitkompla l-appalt hijiex eċċessiva *jew le*, u f'każ affermattiv jiġi stabbilit l-eċċess (fol. 91). Dawn il-periti rrelataw illi dik l-ispiża kienet eċċessiva, u illi l-eċċess kien ta' £674.18.3, ċjoè tas-somma kollha li l-Gvern nefaq aktar u qiegħed jippretendi li jiddeduċi;

*Dwar din ir-relazzjoni ma jingħad xejn fis-sentenza* appellata. Din il-Qorti, invece, jidhrilha li hija mportantissima. Infatti, l-Ewwel Onorabbli Qorti, fid-digriet tagħha fol. 90-91, kienet donna ġa approvat id-dottrina illi, meta l-kreditur fl-obligazzjoni f'każijiet bħal dawn jagħmel ix-xogħol huwa stess, jew iġiegħel ix-xogħol isir minn ħadd ieħor flok id-debitur, hu ma jistgħax jitlob lura *minn għand id-debitur ħlief dik l-ispiża li ma tkunx eċċes*siva. U dan huwa eminentement ġust u naturali. Il-fatt illi fil-klawsola fuq riportata jingħad ġenerikament illi l-*Gvern fl-ipotesi prospettata, kellu d-dritt jeżiġi minn* għand il-kuntrattur jew jiddeduċi d-differenza tal-prezz li jkun ħallas biex jitkompla x-xogħol, ma jfisserx illi l-Gvern seta' jħallas kull għoli ta' prezz, hu x'inhu u huma x'inhu*ma ċ-ċirkustanzi, u mbgħad jippretendi dak l-għoli minn* għand il-kuntrattur. Seta' l-Gvern ma kellux obligu speċifiku li jerġa jsejjaħ offerti, kif qalet l-Ewwel Qorti; imma hu dejjem kellu l-obligu inerenti għan-natura stess tad-dritt tar-rifużjoni u insitu fit-teorija kollha tar-riżarċiment tad-danni, illi jissoddisfa l-Qorti li għamel dak li raġjone*volment seta' jsir fiċ-ċirkustanzi biex in-nefqa ma tkunx* eċċessiva fil-każ. Kieku ċ-ċirkustanzi kienu juru illi l-Gvern, minħabba raġunijiet ta' vera urġenza jew raġunijiet oħra, kien raġjonevolment kostrett li jaċċetta l-prezz li ħallas, allura l-kwistjoni kienet tkun xort'oħra. Iżda ċ-ċirkustanzi ma juru xejn minn dan kollu. Fi kliem ieħor, il-Qorti mhix tgħid illi l-konvenuti ma għandhomx dritt għas somma pretiża għaliex *il-prezz imħallas lil Pace kien* għola minn dak tal-attur; qegħedha tgħid biss illi huma ma għandhomx dak id-dritt għaliex ma ppruvawx b'ebda *mod illi huma ma setgħux raġjonevolment jissoddisfaw il-*

bżonn tagħl m gwalment efficjentement u, skond ma kienu jeżiġu -ċir :ustanzi, bi prezz orħos jew ugwali għal dak tal-attur B laqshekk il-Qorti ma timporta ebda restrizzjoni arbi rar a għad-dritt riżervat mill-Gvern fil-klawsola fuq imsemm ja, imma qegħedha biss tinterpreta dik il-klawsola kif għ indu raġjonevolment jitqies li ntendewha l-partijiet u fid-da wl tal-prinċipji ġuridiċi ġusti li jirregolaw relazzjoni simili;

Għal dawn i'-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fiż-żewġ kapi devoluti lilha, fissens li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat illi l-konvenuti kienu ġustifikati jitterminaw l-appalt tal-attur u ċaħdet id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur illi hu ġie mwaqqaf mix-xogħol inġustament u bla raġuni leġittima, bl-ispejjeż kontra l-attur tant tal-prima istanza kemm tal-appell; u tirrevokaha in kwantu laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-attur hu ntitolat biss għas-somma ta' £38.0.10, u f'dan is-sens biss laqgħet it-talba tal-attur bl-ispejjeż skond ir-rebħ u t-telf, billi tiddeċidi, minflok, li l-konvenuti ma għandhomx id-dritt li jagħmlu ebda deduzzjoni, u f'dan is-sens tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma kollha ta' £713, bilanċ dovut lilu, bl-ispejjeż fuq dan il-kap, tant tal-prima istanza kemm tal-appell, kontra l-konvenuti.